MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1253/1993/1

**Mario Mizzi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` KALAXLOKK CO. LTD.; u b'nota ta' l-14 ta' Frar 1994 Ivan Falzon assuma l-atti tal-kawza minflok Mario Mizzi *nomine*;**
**Marin Hili u Av. Dottor Raphael Fenech Adami ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` MALTA FREEPORT CORPORATION LTD.;**
**L-Av. Dottor Ann Fenech bhala mandatarja specjali tas-socjeta` estera HOLLANDSCHE AANNEMING MAATSHAPPIJ BV (HAM BV)**

**Vs**

**Mario Grech u Dr. Giannino Caruana Demajo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` MIDDLE SEA INSURANCE CO. LTD.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-22 ta' Settembru 1993 li bih l-atturi *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-2 ta' Jannar 1991 il-Gvern ta' Malta kien iffirma kuntratt mas-socjeta` attrici KALAXLOKK CO. LTD, ghall-bini ta' moll gdid fiz-zona tal-Freeport f' Marsaxlokk, liema moll jghajjat bhala titotu lis-socjeta` attrici Malta Freeport Corporation Ltd;

U premess illi dik il-parti ta' l-istess kuntratt li kienet tikkonsisti f'xoghol ta' *dredging* vicin l-istess moll gie *subcontracted* lis-socjeta` attrici HAM BV;

U premess illi biex ikopru r-riskji kollha konnessi ma' l-istess kuntratt inkluz il-possibilita` li waqt ix-xoghlijiet ta' *dredging* jigu kkwazati xi hsarat lill-istess moll, is-socjetajiet attrici kollha kkontrattaw polza ta' assikurazzjoni adekwata ghal dan l-iskop;

U premess illi s-socjeta` konvenuta accettat illi tkopri l-interessi rispettivi tas-socjetajiet attrici u fil- 5 ta' Jannar 1992 harget polza ta' assikurazzjoni tat-tip "CONTRACTORS ALL RISKS POLICY" (kopja ta' liema hija annessa ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkata "DOK. A") favur is-socjetajiet attrici bhala ko-assikurati skond l-istess polza "FOR THEIR RESPECTIVE RIGHTS AND INTERESTS";

U premess illi waqt li kien qed isir ix-xoghol ta' *dredging* gew ikkawzati xi hsarat lill-moll il-gdid fuq imsemmi, ossija parti mill-imsemmi moll gdid li kellu jinbena skond il-kuntratt moghti mill-Gvern;

U premess illi l-imsemmija hsarat u danni konsegwenzjali huma koperti mill-istess polza ta' assikurazzjoni;

U premess illi ghalkemm is-socjetajiet attrici kollha ghamlu il-*claims* taghhom ghal risarciment lis-socjeta` konvenuta, skond l-istess polza, ghad-drittijiet u interessi rispettivi taghhom, dawn il-*claims* gew michuda abbuzivament u

illegalment mis-socjeta` konvenuta bi ksur car ta' l-istess polza ta' assikurazzjoni;

Talbu ghalhekk l-atturi *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija hsarat u danni huma koperti mill-istess polza ta' assikurazzjoni Numru 001861197292;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli li thallas il-*claims* tas-socjetajiet attrici skond it-termini ta' l-istess CONTRACTORS ALL RISKS POLICY bl-interessi skond il-ligi;

3. (i) Tillikwida ir-risarciment u l-kumpens dovut lis-socjeta` attrici KALAXLOKK CO. LTD.;

(ii) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici KALAXLOKK CO. LTD. dik is-somma hekk likwidata;

4. (i) Tillikwida ir-risarciment u l-kumpens dovut lis-socjeta` attrici MALTA FREEPORT CORPORATION LTD.;

(ii) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici MALTA FREEPORT CORPORATION LTD dik is-somma hekk likwidata;

5. (i) Tillikwida ir-risarciment u l-kumpens dovut lis-socjeta` attrici HAM BV.;

(ii) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici HAM BV dik is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess atturi *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* pprezentata fil-21 ta’ Jannar 1994 li permezz taghha huma eccepew:-

1. Preliminarjament, Dr. Ann Fenech ghandha tipprova il-mandat taghha bhala mandatarja specjali ta’ HAM BV;

2. Illi l-kuntratt ta’ assikurazzjoni *de quo* huwa null u bla effett fil-ligi stante li l-informazzjoni u dikjarazzjonijiet maghmula mis-socjetajiet attrici qabel ma inharget il-polza imsemmija, liema informazzjoni u dikjarazzjonijiet jiffurmaw il-bazi tal-kuntratt ta’ assigurazzjoni, ma humiex korretti, kif ukoll il-ghaliex dawna l-informazzjoni u dikjarazzjonijiet huma fatti materjali li jmisshom gew kompletament u korretement iddikjarati a bazi tal-principju li kuntratt ta’ assikurazzjoni jirrikjedi “*uberrima fides*” da parti ta’ l-assikurat, u ghaldaqstant il-konvenuti *nomine* qeghdin jipprevalixxu ruhhom mill-fakulta li ttihom il-ligi fil-Kapitolu 123 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 396 u 398, billi qeghdin jipprezentaw Kontrotalba ma’ dina n-Nota ta’ Eccezzjonijiet;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel domanda hija insostenibbli u ghandha tigi michuda ghar-raguni li l-hsarat u d-danni reklamati mill-atturi *nomine* mhumiex koperti mill-polza in kwistjoni peress illi huma espressament eskluzi mill-istess polza (i) fil- “General Exclusions”, klawsola (c), u (ii) “Section 1 - Material Damage”, fil-preambola fejn hemm stipulat illi l-assigurat huwa kopert biss ghal “*any unforeseen and sudden physical loss or damage from any cause*”;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni tat-tielet, raba’ u hames talba ta’ l-atturi *nomine* peress illi l-partijiet ftehmu li jirreferu l-vertenza taghhom

rigward kumpens quddiem arbitri, ai termini tal-klawsola 7 tal-kondizzjonijiet generali ta' l-istess polza;

5. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni li ghandhom jigu likwidati ma jistghux jinkludu danni konsegwenzjali peress illi dawn huma espressament eskluzi mill-istess polza f' (i) Special Exclusions to Section 1 - klawsola (b) u (ii) f' Endorsement 12/92, u ghandu jittiehed kont ukoll ta' Endorsement 14/92 fejn hemm iddikjarat "*deductible*" ta' LM10,000.00,0 "*each and every loss*";

6. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti *nomine* illi permezz taghha huma ippremettew:-

Illi l-kontendenti dahlu f' kuntratt ta' assikurazzjoni, Polza Nru. 001861197292, li permezz tieghu is-socjeta` esponenti forniet kopertura assikurativa lis-socjetajiet attrici f' forma ta' "Contractors All Risks Policy";

Illi fin-negozjati u dokumenti forniti qabel ma' gie konkjuz il-kuntratt ta' assikurazzjoni, inghatat informazzjoni u saru dikjarazzjonijiet mis-socjetajiet attrici jew l-agent taghhom, liema informazzjoni u dikjarazzjonijiet ma kienux kompleti u l-anqas korretti;

Illi dawna l-informazzjoni u dikjarazzjonijiet jirrigwardaw l-esekuzzjoni tal-kuntratt ta' xoghlijiet, suggett ta' l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni, u ghalhekk jirrigwardaw fatti materjali li jmisshom gew korrettament iddikjarati lis-socjeta` assikuratrici, a bazi tal-principju ta' "*uberrima fides*" li jirregola kull kuntratt ta' assikurazzjoni u fin-nuqqas iwassal ghan-nullita` tal-kuntratt ta' assikurazzjoni;

Illi l-atturi *nomine* ghamlu *claims* fuq l-imsemmija Polza ta' assikurazzjoni;

Talbu ghalhekk il-konvenuti *nomine* lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess:-

1. Tiddikjara l-kuntratt ta' assikurazzjoni li permezz tieghu is-socjeta` esponenti forniet kopertura assikurativa lis-socjetajiet attrici f' forma ta' "Contractors All Risks Policy" huwa null u bla effett skond il-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-atturi *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti *nomine* akkompanjanti l-kontro-talba taghhom u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-atturi *nomine* ghall-kontro talba tal-konvenuti *nomine* illi permezz taghha huma eccepew:-

1. Preliminarjament, illi l-kontro talba hija nulla. Il-kontro talba hija fil-fatt citazzjoni ghalhekk irid ikollha r-rekwiziti kollha ta' citazzjoni. Il-kontro talba odjerna ma fihiex "tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba" [Artikolu 156 (1) (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta] u ghalhekk hija nulla;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju d-dikjarazzjoni tan-nullita` tal-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni ma tistax tintalab f' dan l-istadju wara li l-atturi diga` pprocedew gudizzjarjament a bazi ta' l-istess polza;

3. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju anki kieku ghall-grazzja ta' l-argument kellu jigi ammess illi l-atturi setghu jinvokaw l-annullament tal-polza l-atturi rrinunzjaw ghad-dritt illi jitolbu tali annullament ghax b' ghemilhom wettqu u rratifikaw il-polza;

4. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju m' huwiex minnu illi s-socjetajiet attrici jew l-agent taghhom taw informazzjoni u ghamlu dikjarazzjonijiet li ma kienux kompleti u anqas korretti u ghalhekk ukoll it-talba tas-socjeta` konvenuta ghandha tigi michuda;

5. Dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju s-socjetajiet attrici huma ko-assikurati taht il-polza in kwistjoni "FOR THEIR RESPECTIVE RIGHTS AND INTERESTS". Anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument kellu jigi ppruvat illi xi wiehed mill-assikurati seta' ta informazzjoni mhix kompleta jew ghamel dikjarazzjonijiet mhux korretti dan ma jistax jeffettwa d-drittijiet tal-ko-assikurati l-ohra taht il-polza;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi *nomine* u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tad-19 ta' Ottubru 1995 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Nadia O'Flaherty biex tisma' x-xhieda; kif ukoll dak tas-17 ta' Ottubru 1996 li bih l-Assistent Gudizzjarju giet sostitwita b' Dr. Monica Borg Galea biex tkompli fil-gbir tal-provi;

Rat l-affidavits ipprezentati u it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti pprezentati mill-kontendenti;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 1999;

Rat il-verbal tat-28 ta' Mejju 2003 meta l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-kontro-talba;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-materja f' din il-kawza titratta minn kuntratt ta' assikurazzjoni tat-tip "CONTRACTORS ALL RISKS POLICY" interkjuz bejn il-kontendenti. F' termini generali kuntratt bhal dan ifisser dak "il-ftehim fejn parti tiftiehem b' korrispettiv, li thallas lil jew akkont ta' parti ohra jew lil beneficjarji, somma ta' flus jew hlas iehor, sew jekk bhala indenniz kontra telf, hsara jew danni jew xort' ohra, meta tigri grajja specifikata li dwarha jkun hemm element ta' incertezza dwar meta ser tigri jew jekk tigrix" (Artikolu 2 tal-Kapitolu 290: Att dwar l-Impriza ta' l-Assigurazzjoni);

Tali definizzjoni taghmel il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni wiehed aleatorju *par excellance* kif ravvizat mill-Artikolu 964 tal-Kodici Civili. Bhal kull kuntratt iehor, imbaghad, sostrat baziku tieghu mhuwiex biss is-semplici bona fidi stabbilita fl-Artikolu 993 tal-Kodici Civili daqskemm il-massima bona fidi ("*uberrimae fidei*"). Dan mhux biss fil-kors tat-trattativi sakemm jigi konkjuz u l-polza mahruga izda wkoll matul l-ezekuzzjoni tieghu;

Kif drabi ohra espress "hu l-obbligu tal-persuna li tkun qed tinnegozja biex tidhol f' kuntratt ta' assigurazzjoni li taghti l-informazzjoni kollha sostanzjali u rilevanti dwar il-"*history*" taghha bhala s-soggett ta' assigurazzjoni, meta jkun car li tali informazzjoni tista' b' xi mod tinfluwenza id-decizjoni tad-ditta assiguratrici fl-ghoti tal-polza. L-istess kif id-ditta assiguratrici hi obbligata tinforma lill-klijent bil-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet li l-polza li tkun ser tinhariglu, jkollha. Dan ghaliex il-kuntratt ta' assigurazzjoni hu wiehed ta' *uberrimae fidei* u l-kontraenti ghandhom ikunu fil-massima *buona fede* meta jiffirmawh" – "**David Curmi *nomine* –vs- Martin Mifsud**", Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' Frar 1992;

Kif senjalat mill-awturi fuq is-suggett, in vista ta' din id-dimensjoni partikulari ta' dan il-kuntratt, "*special rules therefore apply in insurance law relating to non-disclosure*

*and misrepresentation which differ from the rules applicable to contracts generally. Otherwise there is no principle in insurance law which is repugnant to the ordinary principles of the law of contract*" (**Colinvaux "The Law of Insurance",** Edizjoni 1970, pagna 7, citata wkoll b' approvazzjoni fid-decizjoni fl-ismijiet "**Lina Zerafa *proprio et nomine* –vs- Avukat Joseph Fenech *nomine***", Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju 1980);

Ghalkemm dawn ir-regoli specjali huma spiss ekwiparati ghal xulxin, eppure bejniethom giet senjalata din id-differenza: "*Whereas in non-disclosure the undisclosed fact would tend to show the risk to be greater than it would otherwise seem to be, in cases of misrepresentation the fact so stated would make the risk appear smaller than it was in reality*" – **E. R. Hardy Ivamy, "Marine Insurance"**, $2^{nd}$ Ed. 1974 pagna 72;

Huwa accettat illi meta jkollok vjolazzjoni ta' dawn ir-regoli dan igib l-annullament *ex tunc* tal-kuntratt jew dik tar-repudiation ossija recess *ex nunc*. Huwa proprju dan illi fil-kaz *de quo* is-socjeta` assiguratrici konvenuta qed taspira li tottjeni permezz tal-kontro-talba taghha;

L-allegazzjoni centrali tas-socjeta` konvenuta hi fis-sens illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni *de qua* huwa null u bla effett fuq il-presuppost ta' "*misreperesentation*" u "*non-disclosure of material facts*". Hi tikkontendenti kemm fil-korp tat-talba rikonvenzjonali kif ukoll fin-Nota spjegattiva taghha (fol. 186) illi l-informazzjoni u d-dikjarazzjonijiet li gew sottomessi lilha fil-Cover Note mill-*broker* tas-socjetajiet attrici riferibilment ghall-aspett ta' l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet tad-*dredging* kienu materjalment inkorretti u differenti ghall-metodu adoperat waqt l-ezekuzzjoni effettiva ta' l-istess *dredging works*. Dejjem fil-fehma espressa taghha dan gab bhala konsegwenza bidla sostanzjali fir-riskju kopert bil-polza. Din il-motivazzjoni tas-socjeta` konvenuta ssoktat tigi minnha parafrazata, amplifikata u sostenuta fil-kors tal-kumpilazzjoni tal-provi u tat-trattazzjoni taghha tal-kawza. Hi proprju din l-istess

motivazzjoni li f’ dan l-istadju din il-Qorti giet mill-partijiet invitata li tezamina u tiddeciedi. Naturalment qabel ma’ l-Qorti tinoltra ruhha fuq din il-konsiderazzjoni u tal-kontestazzjonijiet insorti bejn il-kontendenti fuq dan l-aspett tal-kawza, jehtiegilha qabel xejn tidderimi l-eccezzjonijiet preliminari sottomessi mis-socjetajiet attrici fil-kontradizzjoni tal-kontro-talba. Minn hawn ghalhekk il-Qorti ser tghaddi ghad-dizamina taghhom;

In linea preliminari s-socjetajiet attrici ssottomettew illi l-kontro-talba tikkontravjeni d-dispost ta’ l-Artikolu 156 (1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan fis-sens illi din ma tikkontjenix “tifsir car u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba”;

Il-Qorti difficilment tara s-serjeta` wara din l-eccezzjoni in kwantu jidher ovvju illi din giet semplicement mitfugha bhala difiza addizzjonali ohra u xejn izjed. Huma jaghmlu accenn fugaci u generiku ghat-test tal-ligi minghajr ma mbaghad jaffrontaw bizzejjed, b’ senjalazzjonijiet serji u sufficcjenti, ir-raguni guridika ghall-eccezzjoni minnhom moghtija;

Apparti dan, il-gurisprudenza taghna nterpretat id-disposizzjoni rilevanti tal-ligi fis-sens illi ma giex adottat ir-rigur li donnhom iridu jfissru l-kliem ta’ dik id-disposizzjoni. Effettivament, gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha tigi formulata c-citazzjoni imma bizzejjed jiftiehem x’ ikun qed jintalab. Ara b’ illustrazzjoni ta’ dan il-hsieb id-decizjonijiet a **Vol. XLIII P II p 748; Vol. XXXIV P II p 502; Vol. XXIX P I p 431,** fost bosta ohrajn;

Dan jitnissel ukoll minn gudikati ta’ sekli ohra li kienu jippermettu l-ekwipollenza guridika tal-kliem. Fihom kien ritenut illi “*il rigore circa le identiche parole della legge, che alre volte costituiva l’ antico sistema delle formole solenni, ora e` abbandonato come sistema proprio dell’ infanzia del diritto*” – “**Xuereb utrinque**”, Qorti tal-Kummerc, 2 ta’ Jannar 1883 a Vol. X p 2);

Din l-osservazzjoni hi konformi wkoll mal-fonti gurisprudenzjali in tema ta’ kontro-talbiet. Ara a propozitu “**Pierre Abela –vs- Joseph Depares**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 5 ta’ Ottubru 1992 u “**Sameeh Meelol –vs- Alex Mintoff**”, Appell, 28 ta’ Jannar 2000;

Biex jinghad kollox meta wiehed iqis il-kontro-talba prezenti u jkejjilha ma’ l-osservazzjoni fuq espressa ghandu jsib illi dak li qed titlob is-socjeta` konvenuta ma jhalli l-ebda dubju x’ inhija tippretendi. Evidentement, imbaghad, mill-istess nota ta’ l-eccezzjonijiet jidher li s-socjetajiet attrici fehmu sew x’ qed jinghad u x’ ghamla ta’ kontestazzjoni s-socjeta` konvenuta qed tressaq ghat-talba principali taghhom;

Dan premess, l-eccezzjoni moghtija ghandha tigi skartata;

Dwar it-tieni eccezzjoni l-argument tas-socjetajiet attrici hu arginat fis-sens illi jekk is-socjeta` konvenuta riedet titlob dikjarazzjoni tan-nullita` tal-polza hija kienet obbligata tistitwixxi proceduri *ad hoc* u mhux tqajjem il-kwestjoni tan-nullita` permezz ta’ eccezzjoni u kontro-talba;

Dan l-argument la ghandu s-sostenn tal-ligi [ara Artikolu 1226 (1), Kodici Civili] u lanqas tal-gurisprudenza affermata. Hekk fid-decizjoni fl-ismijiet “**Maurice Meli Bugeja –vs- Charles Degiorgio *nomine***”, Qorti tal-Kummerc, 5 ta’ Mejju 1966, gie osservat illi “l-kwistjoni tan-nullita` ta’ polza ta’ assikurazzjoni tista’ tigi mqajma b’ eccezzjoni, u mhux mehtieg li l-konvenut jaghmel kawza *ad hoc*”. F’ dan il-kaz ukoll l-allegazzjoni tal-konvenuti kienet bazata fuq difett tal-kunsens minhabba ghemil doluz ta’ l-attur li pprovda informazzjoni skorretta fuq il-*proposal form*;

Issa huwa veru illi, kif ritenut, kwestjoni ta’ annullabilita` ta’ kuntratt ghandha ssir *per via di azione* (**Vol. VII p 849; Vol. XVI P II p 2; Vol. XXVII P II p 262; Vol. XLIX P II p**

**826**). Hekk ukoll sar f' dan il-kaz billi, kif sewwa ntqal mis-socjeta` konvenuta, talba rikonvenzjonali hija fiha nfisha azzjoni awtonoma ntiza biex iggib fix-xejn t-talba ta' l-attur. Ara f' dan is-sens d-decizjoni a **Vol. XXVII P I p 895** u dik fl-ismijiet "**Maria Grazia Fava –vs- Salvina Farrugia**", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar 1985;

Ghal dawn il-motivi anke din l-eccezzjoni ma timmerita l-ebda favur;

It-tielet u l-ahhar eccezzjoni tas-socjetajiet attrici f' din is-sensiela hi konsegwenza tat-tieni wahda gja skrutinata. Hi msejsa fuq l-assunt illi gjaladarba s-socjeta` konvenuta ma istitwietx il-proceduri idonei dan iwassal ghar-ratifika ta' kwalunkwe allegata irregolarita` da parte tas-socjetajiet attrici;

Fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni tikkostitwixxi mhux biss asserzjoni gratuwita izda addirittura wahda azzardata hafna. Sewwa intqal illi "*la rinunzia non si presuma ma dev' essere concludentemente provato; se e` tacito, deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che include necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altra interpretazione, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante*"; (**Vol. XVI P I p 90**);

Minn dejjem gie pacifikament akkolt illi r-rinunzja tacita ghandha tigi nterpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi desunta ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja (**Vol. XXXIV P II p 646**);

Tali argoment jghodd ukoll ghall-aspett tar-ratifika, mis-socjetajiet attrici moghtija risalt ghall-fatt illi s-socjeta` konvenuta ma rrifondietx il-*premium*. In-nuqqas ta' rifuzjoni jew tad-depozitu tal-*premium* ma jistax, u ma ghandux, awtomatikament, jigi nterpretat bhala xi abdikazzjoni tad-dritt jew assunzjoni ta' ratifika. Certament ebda argoment ma jista' jingibed mill-konsiderazzjoni illi l-obbligazzjoni giet ratifikata bil-fatt biss

tar-ritenzjoni tal-*premium* meta l-fatti "veri" kienu ignoti ghas-socjeta` konvenuta;

Anke allura din l-eccezzjoni hi destinata li tfalli;

Zgumbrat it-terren minn dawn l-eccezzjonijiet, il-konsiderazzjonijiet li jsegwu necessarjament jorbitaw mal-kwestjoni primarja nvoluta fil-kontro-talba u l-kontestazzjonijiet tas-socjetajiet attrici fir-rigward taghha;

Il-fattezzi rilevanti tal-kaz prezenti u li qed jigu hawn delinejati, jirrisalu ghan-negozjati ntervenuti bejn il-partijiet qabel l-iffinalizzar tal-ftehim. Il-kronologija taghhom hi kif gej:-

I. Permezz ta' Broker's Slip datata 20 ta' Mejju 1992 (fol. 241) is-socjeta` Dredging Works Co. Ltd. u l-Malta Maritime Authority talbu kwotazzjoni minghand is-socjeta` konvenuta ghal kopertura assikurattiva ghad-*dredging works* hemm deskritti kompriz ukoll *cover* ghas-"*surrounding quay*", stmat kwart ta' miljun lira Maltija. Ir-rispons minn naha tas-socjeta` konvenuta ghal kwotazzjoni rikjesta hi kontenuta fid-dokument datat 25 ta' Mejju 1992 (fol. 245);

II. In segwitu l-Island Insurance Brokers Limited harget Cover Note (fol. 250) li *inter alia* kienet tinkludi bhala assikurati agguntivi s-socjeta` Kalaxlokk Co. Ltd, u l-Malta Freeport Corporation. Kienet ukoll tinkludi bhala dettalji taghha l-perjodu tal-kopertura, il-kondizzjonijiet u l-eskluzjonijiet tal-polza, il-*contract works* u l-*contract value*. Sa dan l-istadju kien mahsub li x-xoghlijiet jigu ezegwiti mis-socjeta` Dredging Works Co. Ltd. li, kif jinghad, kellha esperjenza ta' disa' snin f' dan it-tip ta' xoghol;

III. Il-polza ta' l-assikurazzjoni ddahhlet in vigore fil-5 ta' Gunju 1992. Ara appozitu dokument anness mac-citazzjoni (fol. 14 *et seq.)*;

IV. Fil-15 ta' Settembru 1992 (fol. 252) il-*brokers* infurmaw lis-socjeta` konvenuta illi x-xoghlijiet kienu qeghdin isiru mis-socjeta` Olandiza HAM International Dredging Conctractors u allura dawn kellhom jigu nkluzi fil-polza bhala ko-assikurati. Jumejn wara baghtu jgharrfuha wkoll permezz ta' *fax* (fol. 253) illi l-valur tal-*contract works* kien zdied u hekk ukoll il-valur tal-moll. Ir-rejazzjoni tas-socjeta` konvenuta ghal dan kien li gie minnha deciz li teskludi "*cover on quay wall*" (Ara fol. 254 u fol. 255). Minn naha taghhom il-*brokers* irribattew permezz ta' *fax* a fol. 256 illi din id-decizjoni tas-socjeta` konvenuta assiguratrici kienet inaccettabbli;

V. Fit-13 ta' Ottubru 1992 is-socjeta` konvenuta gharrfet lill-*brokers* illi z-ziediet fil-valuri tax-xoghlijiet u tal-moll kienu qed jitqiesu bhala "*a disproportionate change in the exposure involved but also a non-disclosure of a material fact*" riferibilment ghall-valur tal-"*quay wall*". Cionostante, hi informathom ukoll illi r-*re-insurers* kienu qed jitolbu informazzjoni addizzjonali in konnessjoni ma' l-izvelar taz-zieda fil-valuri, *inter alia* "*details of the works to be carried out by HAM, particularly description giving the necessary details of vicinity of the works to the quay wall*". Dawn gew provvduti fi skambju ulterjuri ta' *faxes* kompriz estratt tal-parti rilevanti tas-*sub-contracting agreement* relattiv ghad-*"dredging works", "postioning and survey"* u *"reclamation area"*. Dawn sabu posthom f' Cover Note addizzjonali (fol. 270);

VI. Irid jigi notat illi kwantu jikkoncerna l-moll il-valur tieghu baqa' dak l-istess rispekkjat fil-Cover Note antecedenti. Bl-intervent tal-*brokers* s-socjetajiet attrici rnexxielhom pero` jottjeni *cover* addizzjonali fir-rigward tal-moll minghand assikurazzjoni ohra u cjoe, Norwich Union;

Esposizzjoni aktar akkurata u dettaljata ta' dan l-aspett tan-negozjati jipprovdiha ix-xhud Lawrence Pavia (fol. 392), direttur ta' l-Island Insurance Brokers Limited, u l-persuna direttament involuta f'dawn l-istess negozjati;

Premessa din l-esposizzjoni tal-fatti, l-ilment rikorrenti tas-socjeta` konvenuta fit-trattazzjoni tal-kawza, kif gja fuq manifest, jirrigwarda l-kontenzjoni illi d-"*dredging Company deviated from the method proposed and stated in Cover Note*" u allura "*did not perform the contract in accordance with the method that was advised to the Underwriters*". Ara xhieda ta' Jack Spencer, Senior Manager mal-Middle Sea a fol. 131. Dejjem skond dan ix-xhud dan, flimkien ma' rilevanzi ohra minnu elenkati, jipprovdi "*grounds for repudiation of liability*" u "*avoidence of policy"* (fol. 158). Fl-istess sens hi x-xhieda ta' Joseph Avellino, ukoll Senior Manager ma' l-istess kumpanija (fol. 69);

Ma jidhirx illi hu disputat il-fatt minn naha ta' HAM, bhala l-kumpanija subappaltata li kkonduciet ix-xoghlijiet, illi effettivament kien hemm devjazzjoni fl-ezekuzzjoni tax-xoghol minn kif stabbilit fil-Sub-Contract Method Statement preskritt fl-ahhar Cover Note. Dan jirrizulta mill-kontro-ezami ta' Anton Hendrick Marius Van der Burg (fol. 372), *marine surveyor* ma' din il-kumpanija: "*It has always been our intention to use a marker system*". Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Martin Rog, c*hief dredgemaster*, (fol., 386) illi "*it was always intended that at a close range of two or three metres"* kien ser jigi adottat il-metodu bl-uzu tal-*plumb-line* jew *marker system*;

Dan jistqarru wkoll Peter Dons, direttur ta' HAM fejn jghid illi "*the only difference was that we did not use a radio positioning system*" (fol. 290). Dan ix-xhud javvanza diversi ragunijiet ghall-adozzjoni tal-metodu varjat fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet. *Inter alia*, it-tfixkil riskontrat minhabba interferenzi mir-*radio signals* tad-Deutsche Welle (fol. 295). Jinsisti wkoll illi l-metodu alternattiv (*visual system by markers on the shore*) kien "*improvement*" fuq il-metodu deskritt fil-Cover Note (fol. 365 u fol. 368) u illi, "*not using the radio to position the dredger decreased the risk*" (fol. 303);

Tajjeb li jigi hawn rilevat in parentesi illi ma ngiebet l-ebda opinjoni esperta biex issostni l-akkuratezza tal-fehma ta'

dan ix-xhud. Kif hekk lanqas del resto ma ngiebet "*expert evidence to prove what facts are material*" ("**Yorke –vs- Yorkshire Insurance Co. Ltd.**" – 1918-19 All E R Rep 877). Ankorke dan sar dejjem jibqa' l-fatt illi l-opinjoni esperta ta' naha jew ta' ohra, tibqa' kwestjoni ta' fatt li trid tigi apprezzata mill-gudikant flimkien mal-materjali istruttorji l-ohra, u li dan mhux necessarjament marbut li jaccetta dik l-istess opinjoni esperta kontra l-konvinzjoni tieghu nnifsu (Artikolu 681 tal-Kapitolu 12);

Rikapitulati dawn il-fatti u provi li din il-Qorti qieset bhala l-aktar saljenti, in generali ma jidherx li jista' jkun hemm kuntrast dwar dawn l-aspetti dottrinali u gurisprudenzjali tal-materja:-

(a) Il-*broker* huwa l-agent ta' l-assikurat u mhux tal-kumpanija assikuratrici – "**Lawrence Azzopardi *et nomine* –vs- Joseph Muscat**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997; "**Newsholme Bros. –vs- Road Transport and General Insurance Co. Ltd.**" (1929 – All E R Rep 442);

(b) L-istess bhal Proposal Form, il-Cover Note "hija parti ntegrali tal-polza ta' l-assikurazzjoni; u kwindi dikjarazzjoni falza maghmula fil-formula hija qisha dikjarazzjoni falza fil-polza" – "**Antonio Zammit –vs- Joseph Micallef *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 31 ta' Jannar 1952. Li jfisser illi "*insurance by Cover Note entails the same duty of disclosure by an applicant as attaches to a formal policy of insurance*" – "**Mayne Nickless Ltd –vs- Pegler**", Supreme Court of New South Wales, Australia, 1974 – N.S.W. C. R. 228);

(c) Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni illi "l-proponent hu fid-dmir li jsemmi kull fatt li ragjonevolment ghandu jhoss li hu rilevanti ghall-assikuratur li jkun jaf, u dan anke jekk ma jkunx mistoqsi. U jekk il-proponent ma jaghtix lill-assikuratur il-kwadru sewwa u ezatt ta' l-oggett tal-kuntratt, u dan jaghmlu in buona fede, din ghandha importanza biss relattiva, u ferm relattiva; u l-assikuratur jkollu d-dritt jitlob ix-xoljiment tal-kuntratt ta' l-assikurazzjoni, purche d-dettalji ommessi jkunu tali li

jinfluwixxu fuq id-decizjoni biex l-assikuratur jasal ghal kuntratt fil-forma li jkun iffirmah” – “**Charles Degiorgio *nomine* –vs- Austin Agius *et***”, Qorti tal-Kummerc, 25 ta’ Gunju 1962; akkolta ukoll b’ favur fid-decizjoni “**Joseph Muscat –vs- Joseph Gasan *et nomine***”, Appell, 6 ta’ Ottubru 1999;

Ghal certi osservazzjonijiet kontemplati fiha jidher li din id-decizjoni tipprovdi risposta sodisfacenti lill-uhud mill-kummenti esposti mis-socjetajiet attrici fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet taghhom (fol. 538). *Inter alia*, l-kwestjoni tan-nuqqas ta’ kweziti da parte ta’ l-assikuratur u l-aspett tal-bwona fede;

(d) Kif allura magistralment posta minn Lord Mansfield fid-decizjoni klassika “**Carter –vs- Boehm**” (1766), f’kazijiet bhal dawn “*the question therefore must always be whether there was, under all circumstances at the time the policy was underwritten, a fair representation; or a concealment; fraudolent, if designed; or, though not designed, varying materially the object of the policy, and changing the risque understood to be run”;*

(e) L-oneru tal-prova illi l-assikurat hu responsabbli ta’ “*non-disclosure*” u “*misrepresentation of a material fact*” tinkombi fuq l-assikuratur (“**Stebbing –vs- Liverpool and London and Globe Insurance Co. Ltd**” (1916-1917 – All E R Rep 248). “*L’ onere di provare che le circostanze taciute o inesattamente dichiarate sono state rilevanti nella conclusione del contratto spetta all’ assicuratore*” (**Qorti Taljana tal-Kassazzjoni**, 2000, Nru. 15939);

Dawn l-aspetti guridici tas-suggett in diskussjoni huma certament ta’ vitali importanza. Trattati, pero`, izolatament u minghajr korrispondenza ghall-fattispeci tal-kaz partikulari ma jkunux qed jirrendu d-dovuta gustizzja. L-indagini ghalhekk ghandha tkun wahda ta’ fatt oltre dik ta’ dritt;

Qabel xejn tajjeb li jigi precizat illi mill-principji appena diskussi jew esposti jittiehed dan l-argoment. Dak li d-duttrina legali fuq il-materja jidher li tivvjeta ma huwiex is-semplici dikjarazzjonijiet kuntrarji ghal veru ("*misrepresentation*") jew l-ommissjonijiet tal-fatti maghrufa ("*non-disclosure*") izda jekk dawn tabilhaqq kellhomx jitqiesu "*material to the risks to be covered*" ("**London General Omnibus Co. Ltd. –vs- Holloway**", 1911 – 1913 All E R Rep 518). L-accent allura huwa proprju fuq il-kelma "*material*";

Tajjeb li hawn tigi sottolinejata l-osservazzjoni illi dwar x' kien meqjus bhala materjali gie ritenut fid-duttrina recensjuri illi "*In general the wide ranging nature of this duty of disclosure, which has been prevailing in insurance contracts in England, has been the subject of severe academic criticism for a long time. This doctrine of duty of disclosure in insurance contracts, has been regarded as rigid, inflexible and out of date. The expression 'contracts uberrimae fidei' has been too frequently and almost indiscriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims. Consequently, the insured's duty of disclosure of material facts becomes one of the most onerous burdens on the insured in insurance contracts*" – **Semin Park "The Duty of Disclosure in Insurance Contract Law"**, Ed. 1996, pagna 68. Osservazzjoni din utili hafna senjalata mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni tad-9 ta' Frar 2001 fil-kawza fl-ismijiet "**Salvu Briffa –vs- Walter Camilleri *nomine***", anke jekk f' dak il-kaz il-kwestjoni giet rizolta fuq konsiderazzjonijiet ohra;

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz prezenti l-Qorti hi nklinata li tirritjeni li l-kwestjoni nvoluta kienet tmur oltre s-semplici kostatazzjoni fattwali tan-"*non-disclore"* jew tal-"*misrepresentation" ut sic*;

Mis-sekwela kronologika tal-fatti ghandu jirrizulta mid-dokumenti esebiti minn fol. 239 sa fol. 274 illi effettivament s-socjeta` konvenuta assiguratrici kienet accettat l-impjazzar tar-riskju minghajr il-Method Statement ta' kif kellhom jigu ezegwiti x-xoghlijiet. Jircievi

allura validita` l-argoment tas-socjetajiet attrici illi l-Method Statement raffigurat fl-ahhar Cover Note ma giex ifformulat specifikament minhabba l-approvazzjoni jew l-emissjoni tal-polza izda sempliciment in referenza ghar-rikjesta ghaz-zieda fil-valur tas-*surrounding quay*. Isegwi logikament ukoll illi meta s-socjeta` konvenuta ma acettatx din iz-zieda u l-posizzjoni rrivertiet ghal dik gja prefissa fil-Cover Note precedenti fir-rigward tal-valur tal-moll, allura ma kienx ghad fadal utilita` jew interess f' Method Statement li ma kienx preskritt f' dik ta' qabel u li dippju kien intimament marbut ma' l-aspirazzjoni tas-socjetajiet attrici li jottjenu kopertura ghaz-zieda f' valur li fl-ahhar mill-ahhar ma gietx accettata;

Kif gja dimostrat u kif hekk inhu pacifiku mhux kwalunkwe dikjarazzjoni jew reticenza tista' tkun kawza ta' annullament izda dik biss fejn id-dikjarazzjoni inezatta jew ir-reticenza jkunu ta' natura tali li l-assikuratur ma kienx jaghti l-kunsens u l-approvazzjoni tieghu, jew ma kienx jaghtihom bl-istess mod u taht l-istess kondizzjonijiet kieku kien jaf il-verita` shiha jew il-fatti kompleti;

Mill-valutazzjoni tal-fattezzi fil-kwadru generali ta' dan il-kaz ma jistax jinghad illi d-dikjarazzjoni dwar il-Work Method Statement kienet il-fattur predominanti u influwenti fuq l-apprezzament ta' l-assikuratur ghal fini tar-rapprezentanza reali tar-riskju. Lanqas ma jista' jinghad illi dan kien influwenti fuq il-kunsens ta' l-assikuratur billi, kif gja dimostrat, fil-mument ta' l-approvazzjoni u accettazzjoni tar-riskju dan il-Method Statement lanqas biss kien deskritt jew raffigurat. Dan il-fatt ma jidherx fil-fehma tal-Qorti, fil-kwadru komplet tal-kaz bhala li kien suxxettibbli ta' influwenza effettiva fuq ir-riskju assikurat jew tal-kunsens ta' l-assikurat fil-mument tal-konkluzjoni tal-kuntratt jew tal-gudizzju "*of a reasonable or prudent insurer in deciding whether or not to accept the risk or what premium to charge*" (**John Birds "Modern Insurance Law"**, 4th Edition, page 107);

Certament ma jistax ikun accettat, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-validita` ta' l-argoment sostenut mis-socjeta` konvenuta illi din giet "*induced to enter into the contract*". Fuq l-istregwa ta' dak maghruf bhala "*the decisive influence test*" (**"Berger -vs- Pollock**", 1973 u "**Pan Atlantic Insurance Co. –vs- Pine Top Insurance Co. Ltd.**", (House of Lords, 1993) ma jidhirx illi l-Method Statement kien fil-verita` l-fattur influwenti deciziv fl-konkluzjoni tal-kuntratt *de quo*. Il-Qorti tara li dan l-element innovattiv huwa konfacjenti ghal bwon sens u jirrendi gustizzja ma' l-assigurat meta jsib ruhu konfrontat minn regoli li, ghalkemm certament validi, spiss drabi huma nterpretati fir-rigidita` "opressiva" taghhom kull meta tinsorgi domanda ghar-rizarciment taht polza ta' assikurazzjoni. Ir-regoli ma jezistux biex jigu applikati fl-aridita` taghhom izda ghandhom jircievu attwazzjoni fil-konfront, jew fl-ambitu, tal-fatti pozittivi provati, u l-aktar f' dawk tal-kaz konkret u tal-fattispeci partikolari;

Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma ssibx raguni biex tinoltra ruhha fuq aspetti ohra kollegati migjuba 'l quddiem mill-partijiet.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kontro-talba billi filwaqt li tirrigetta l-ewwel tliet eccezzjonijiet tas-socjetajiet attrici rikonvenzjonati, tilqa' invece r-raba' eccezzjoni taghhom u b' hekk tichad l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta assiguratrici kif ukoll it-tieni eccezzjoni taghha ghat-talbiet principali tas-socjetajiet attrici.

Konsiderati l-aspetti involuta, l-ispejjez gudizzjarji tal-kontro-talba jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Il-kawza qed tigi differita ghat-28 ta' Jannar 2004 ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------